Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fl-14 ta’ Jannar 2021 [1]

**Kawża C-64/20**

**UH**
**vs**
**An tAire Talmhaíochta Bia agus Mara, Éire agus an tArd-Aighne**

(talba għal deċiżjoni preliminari mill-Ard-Chúirt (il-Qorti Għolja, l-Irlanda))

“Talba għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2001/82/KE – Rekwiżiti marbuta mal-lingwa fir-rigward tal-imballaġġ u tat-tikkettjar ta’ prodotti veterinarji – Diskrezzjoni tal-qrati nazzjonali li ma jagħtux rimedju – Effett dirett – Supremazija – Awtonomija proċedurali – Protezzjoni ġudizzjarja effettiva”

## I. Introduzzjoni

1. Il-kwistjonijiet invokati f’din il-kawża huma diversi. Li kieku wieħed kellu jiġbor dawn il-kwistjonijiet flimkien u jismagħhom fl-istess ħin, dawn il-kwistjonijiet jiġġeneraw polifonija kostituzzjonali ġenwina tad-dritt tal-Unjoni Ewropea: effett dirett, supremazija, awtonomija proċedurali, protezzjoni ġudizzjarja effettiva, l-effettività globali tal-infurzar nazzjonali tad-dritt tal-Unjoni, ikkunsidrati kollha flimkien ma’ (allegat) dritt li wieħed jirċievi informazzjoni fil-lingwa tiegħu stess u mal-multilingwiżmu tal-Unjoni.

2. Meta wieħed jisma’ b’attenzjoni, hemm vuċi dominanti waħda li madankollu toħroġ: dawn il-prinċipji, b’mod partikolari l-effettività tal-infurzar nazzjonali tad-dritt tal-Unjoni, jipprekludu regoli nazzjonali li jagħtu lil qorti setgħa diskrezzjonali sabiex tiddetermina jekk tagħtix rimedju u, jekk dan ikun il-każ, il-forma ta’ dan ir-rimedju, lil rikorrent li jsostni li l-awtoritajiet ma ttrasponewx direttiva kif suppost, u dan minkejja li l-azzjoni tkun (apparentement) fondata? Din il-melodija tirreferi għal tema li hija pjuttost magħrufa sew: liema huma l-limiti raġonevoli tar-rekwiżit ta’ infurzar effettiv tad-dritt tal-Unjoni fil-livell nazzjonali?

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

3. It-Titolu V tad-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji[2], intitolat "It-tikkettjar u l-karta ta' ġewwa l-pakkett", jinkludi l-Artikoli 58 sa 64.

4. L-Artikolu 58(1) tad-Direttiva 2001/82 jelenka l-informazzjoni li, mingħajr ħsara għal xi eċċezzjonijiet, "għandha tidher b'karattri li jinqraw" fuq l-imballaġġ ta' prodotti mediċinali. Skont l-Artikolu 58(4) ta' din id-direttiva, id-dettalji msemmija fil-paragrafu 1(f) sa (l) ta' din l-istess dispożizzjoni "għandhom jidhru fuq l-imballaġġ ta' barra u fuq il-kontenitur tal-prodotti mediċinali veterinarji bil-lingwa jew lingwi tal-pajjiż li fih tqegħdu fis-suq".

5. Fir-rigward tal-ampolli, l-Artikolu 59(1) tad-Direttiva 2001/82 jipprovdi li "id-dettalji elenkati fl-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 58(1) għandhom jidhru fuq l-imballaġġ ta' barra". Huwa mbagħad jelenka d-dettalji li huma neċessarji fuq il-kontenituri. L-Artikolu 59(3) tad-Direttiva 2001/82 jipprovdi li "[i]l-partikolaritajiet imsemmija fit-tielet u s-sitt inċiżi ta' paragrafu 1 għandhom jidhru fuq l-ippakkjar ta' barra u fuq l-ippakkjar immedjat tal-prodotti mediċinali fil-lingwa jew lingwi tal-pajjiż fejn huma mqiegħdha fis-suq."

6. L-Artikolu 61(1) tad-Direttiva 2001/82 jipprovdi li "[l]-inklużjoni ta' karta fil-pakkett fl-imballaġġ ta' prodotti mediċinali veterinarji għandha tkun obbligatorja sakemm l-informazzjoni kollha mitluba minn dan l-Artikolu ma tkunx tidher fuq il-kontenitur u l-imballaġġ ta' barra. […] Il-fuljett tal-pakkett għandu jkun miktub b'mod li jinftiehem mill-pubbliku ġenerali u fil-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru li fih il-prodott mediċinali jitqiegħed fis-suq". L-Artikolu 61(2) tad-Direttiva 2001/82 jelenka l-informazzjoni li għandu jkun hemm, bħala minimu, fuq il-fuljett tal-pakkett.

7. Il-premessi 52 u 53 tar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE[3] huma fformulati kif ġej:

"(52) Sabiex jonqos il-piż amministrattiv u tiġi mmassimizzata d-disponibbiltà ta' prodotti mediċinali veterinarji fl-Istati Membri, jenħtieġ li jkunu stabbiliti regoli semplifikati dwar kif l-ippakkjar u t-tikkettar tagħhom għandhom ikunu ppreżentati. […]

(53) Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu l-lingwa tat-test użata fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott, it-tikkettar u l-fuljett ta' tagħrif ta' prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati fit-territorju tagħhom."

8. L-Artikolu 7 tar-Regolament 2019/6, intitolat "Lingwi", jipprovdi:

"1. Il-lingwa jew lingwi tas-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u l-informazzjoni fuq it-tikketta u fuq il-fuljett ta' tagħrif għandhom, sakemm l-Istat Membru ma jiddeterminax mod ieħor, ikunu lingwa jew lingwi uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-prodott mediċinali veterinarju jkun disponibbli fis-suq.

2 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 3, kif sussegwentement emendata.

3 ĠU 2019, L 4, p. 43, rettifika fil-ĠU 2020, L 326, p. 15.

2. Il-prodotti mediċinali veterinarji jistgħu jkunu tikkettati b'diversi lingwi."

9. Skont l-Artikolu 160 tiegħu, ir-Regolament 2019/6 għandu japplika mit-28 ta' Jannar 2022.

## *B. Id-dritt nazzjonali*

10. Skont il-qorti tar-rinviju, kienu diversi l-istrumenti statutorji adottati sabiex tiġi trasposta d-Direttiva 2001/82. Madankollu, fir-rigward tal-lingwa tal-ippakkjar, li tat lok għall-kawża prinċipali, id-dispożizzjonijiet rilevanti jistgħu jinstabu fl-iStatutory Instruments (l-Istrumenti Statutorji, iktar 'il quddiem is-"SI") 144/2007 u 786/2007. Skont dawn l-istrumenti, id-dettalji meħtieġa taħt id-Direttiva 2001/82 jistgħu jkunu bl-Irlandiż jew bl-Ingliż.

## III. Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domandi magħmula

11. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali huwa persuna li jitkellem l-Irlandiż bħala l-ewwel lingwa tiegħu. Ir-rikorrent huwa s-sid ta' kelb li għalih jixtri prodotti mediċinali veterinarji. Ir-rikorrent ressaq ilment quddiem l-Aire Talmhaíochta, Bia agus Mara, Éire (il-Ministru għall-Agrikoltura, għall-Ikel u għall-Baħar, l-Irlanda) u quddiem l-Ard-Aighn (l-Avukat Ġenerali, l-Irlanda), li issa huma l-konvenuti fil-kawża prinċipali, dwar il-fatt li l-informazzjoni mogħtija flimkien mal-prodotti veterinarji kienet biss bl-Ingliż, u mhux biż-żewġ lingwi uffiċjali tal-Istat: l-Irlandiż u l-Ingliż. Fil-fehma tiegħu, dan jikkostitwixxi ksur tad-Direttiva 2001/82.

12. Fl-14 ta' Novembru 2016, ir-rikorrent ippreżenta rikors quddiem l-Ard-Chúirt (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) fejn talab awtorizzazzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju tan-nuqqas tal-Ministru li jittrasponi d-Direttiva 2001/82 b'mod korrett fir-rigward tar-rekwiżiti marbuta mal-lingwa previsti fiha. Din l-awtorizzazzjoni ngħatat u l-kawża tressqet kontra l-Aire Talmhaíochta, Bia agus Mara, Éire (il-Ministru għall-Agrikoltura, għall-Ikel u għall-Baħar, l-Irlanda) u l-Ard-Aighne (l-Avukat Ġenerali) u l-Irlanda. Il-kawża nstemgħet fl-24 u fil-25 ta' Lulju 2018.

13. Ir-rikorrent talab il-forom ta' rimedju segwenti minħabba l-allegat nuqqas tal-Irlanda li tittrasponi d-Direttiva b'mod korrett: (i) dikjarazzjoni li l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli ma tittrasponix it-Titolu V (Artikoli 58 sa 61) tad-Direttiva 2001/82 b'mod korrett, jew bl-ebda mod; (ii) dikjarazzjoni li d-dritt Irlandiż għandu jiżgura li d-dettalji xierqa fuq il-fuljetti fil-pakkett u l-ippakkjar inkwistjoni fit-Titolu V tad-Direttiva 2001/82 ikunu bil-lingwi uffiċjali tal-Istat, jiġifieri bl-Irlandiż u bl-Ingliż, fuq il-prodotti mediċinali veterinarji mqiegħda fis-suq fl-Istat; u (iii) dikjarazzjoni li l-awtoritajiet Irlandiżi għandhom jemendaw id-dritt nazzjonali sabiex jiżguraw traspożizzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu V tad-Direttiva 2001/82.

14. Quddiem l-Ard-Chúirt (il-Qorti Għolja), ir-rikorrent invoka, b'mod prinċipali, (i) l-effett dirett tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/82 dwar ir-rekwiżiti marbuta mal-lingwa (li dawn id-dispożizzjonijiet huma ċari, preċiżi u inkundizzjonati), (ii) is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni fuq id-dritt nazzjonali (il-qorti nazzjonali setgħet għalhekk tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Unjoni u twarrab id-dispożizzjonijiet kuntrarji Irlandiżi), u (iii) id-dritt għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv (huwa għandu jkollu rimedju ġudizzjarju effettiv u l-qorti nazzjonali għandha għalhekk tagħti r-rimedju mitlub).

15. Min-naħa tagħhom, il-konvenuti rrikonoxxew li, skont id-dritt nazzjonali, rikorrent li jikkontesta b'suċċess id-deċiżjoni ta' awtorità pubblika permezz ta' stħarriġ ġudizzjarju jkun *normalment* intitolat għal rimedju. Madankollu, huma argumentaw li dan ma huwiex dritt assolut

u, fil-kawża prinċipali, ir-rifjut li jingħata forma ta' rimedju huwa ġġustifikat. Huma jsostnu li, f'din il-kawża, għalkemm jista' jkun hemm xi vantaġġ jekk ir-rikorrent jingħata rimedju, dan il-vantaġġ xorta waħda ser ikun limitat ħafna f'termini tal-valur tiegħu, minħabba d-dħul fis-seħħ imminenti tar-Regolament 2019/6. Barra minn hekk, il-konvenuti argumentaw li f'din il-kawża hemm possibbiltà kbira li, jekk jingħata rimedju, dan ser ikollu impatt serju fuq terzi. Huwa ċar li, jekk il-fornituri u d-distributuri ta' prodotti mediċinali veterinarji jiddeċiedu li jirtiraw mis-suq Irlandiż minħabba r-rekwiżit li t-test fil-fuljetti bl-informazzjoni u fuq l-ippakkjar jiġi stampat biż-żewġ lingwi uffiċjali, dan ser ikollu konsegwenzi serji għas-saħħa tal-annimali, kif ukoll konsegwenzi ekonomiċi li jkunu ta' preġudizzju għal ħafna individwi.

16. Fis-26 ta' Lulju 2019, l-Ard-Chúirt (il-Qorti Għolja) iddeċidiet li r-rikorrent kellu *locus standi* minħabba li l-Artikolu 58(4), l-Artikolu 59(3) u l-Artikolu 61(1) tad-Direttiva 2001/82 (iktar 'il quddiem id-"dispożizzjonijiet tal-Unjoni inkwistjoni") kienu ċari, preċiżi u inkundizzjonati. Ir-rikorrent għalhekk kien f'pożizzjoni li jinvokahom kontra l-konvenuti. Dik il-qorti ddeċidiet ukoll li l-Irlanda kienet naqset milli tittrasponi d-Direttiva b'mod korrett fir-rigward tar-rekwiżiti marbuta mal-lingwa, sa fejn il-liġi nazzjonali inkwistjoni (jiġifieri s-SI 144/2007 u s-SI 786/2007) tippermetti li l-informazzjoni tingħata biss bl-Ingliż, minflok ma tirrikjedi kemm l-Irlandiż u kif ukoll l-Ingliż.

17. Madankollu, l-Ard-Chúirt (il-Qorti Għolja) osservat ukoll li, matul il-proċedura, ġie adottat ir-Regolament 2019/6, li fih dispożizzjonijiet ġodda dwar l-użu tal-lingwi għal prodotti mediċinali veterinarji. Skont dan ir-regolament, ladarba jsir applikabbli (fit-28 ta' Jannar 2022), l-informazzjoni fuq l-ippakkjar tista' tingħata bl-Ingliż biss. F'dan il-kuntest, dik il-qorti ġiet f'dubju jekk ikunx jagħmel sens li tagħti r-rimedju mitlub mir-rikorrent fid-dawl ta' din il-bidla imminenti, u dan minkejja li l-Irlanda qiegħda tikser id-dritt tal-Unjoni.

18. Dik il-qorti tindika li, fid-dritt Irlandiż, hemm raġunijiet li ilhom stabbiliti għal żmien twil u li jippermettu lill-qrati jeżerċitaw diskrezzjoni fir-rigward tal-għażla dwar jekk jagħtux rimedju xieraq lil rikorrent li jirbaħ il-kawża u, jekk jagħtu rimedju, kif. Dawn ir-raġunijiet jinkludu diversi fatturi, pereżempju: (1) dewmien twil wisq sabiex jitressqu proċeduri; jew (2) nuqqas li jfittex rimedji iktar adegwati, bħal appell; jew (3) nuqqas ta' sinċerità min-naħa tar-rikorrent; jew (4) nuqqas min-naħa tar-rikorrent li jaġixxi *in bona fide*; jew (5) ħsara lil terzi; jew (6) meta l-għoti tar-rimedju ma jissodisfa ebda skop utli.

19. Għaldaqstant, peress li kellha dubju dwar jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix regoli proċedurali nazzjonali bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-Ard-Chúirt (il-Qorti Għolja, l-Irlanda) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Qorti nazzjonali għandha setgħa diskrezzjonali li tirrifjuta l-għoti ta' miżura minkejja d-deċiżjoni tagħha li d-dritt nazzjonali ma ttrasponiex element partikolari ta' direttiva tal-Unjoni Ewropea (UE) u, fil-każ li l-qorti għandha setgħa diskrezzjonali, liema huma l-fatturi xierqa li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fir-rigward ta' din is-setgħa diskrezzjonali u/jew tista' l-qorti nazzjonali tieħu inkunsiderazzjoni l-istess fatturi li kienet tikkunsidra li kieku kienet qiegħda teżamina ksur tad-dritt nazzjonali?

(2) Il-prinċipju ta' effett dirett tad-dritt tal-Unjoni jkun imminat fil-każ li l-qorti nazzjonali tirrifjuta l-għoti tal-miżura mitluba f'dan il-każ minħabba d-dħul fis-seħħ tal-Artikolu 7 tar-[Regolament 2019/6] (li l-applikazzjoni tiegħu hija ddifferita sat-28 ta' Jannar 2022), minkejja l-fatt li l-qorti nazzjonali ddeċidiet li d-dritt ma implimentax l-obbligu previst fl-Artikolu 61(1),

fl-Artikolu 58(4) u fl-Artikolu 59(3) tad-[Direttiva 2001/82], li jipprovdi li l-ippakkjar u l-ittikkettar ta' prodotti mediċinali veterinarji għandhom ikunu bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru, jiġifieri fl-Irlanda, kemm bl-Irlandiż kif ukoll bl-Ingliż?"

20. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mir-rikorrent, mill-Irlanda, mill-Gvern Pollakk u mill-Kummissjoni Ewropea.

## IV. Analiżi

### *A. Ammissibbiltà*

21. L-Irlanda u l-Gvern Pollakk isostnu li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli.

22. L-ewwel, l-Irlanda targumenta li hija ttrasponiet b'mod korrett id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni inkwistjoni. It-test tad-Direttiva 2001/82 huwa ambigwu dwar jekk hemmx jew le rekwiżit li l-lingwi uffiċjali kollha għandhom jintużaw għall-informazzjoni li tidher fuq l-ippakkjar u t-tikkettjar ta' prodotti mediċinali veterinarji meta fi Stat Membru jkun hemm diversi lingwi uffiċjali. Għaldaqstant, id-deċiżjoni tal-Irlanda li timplimenta d-direttiva msemmija b'mod li ppermettiet l-użu ta' waħda biss mil-lingwi uffiċjali tagħha taqa' fi ħdan il-marġni ta' diskrezzjoni tagħha meta ttrasponiet id-direttiva.

23. It-tieni, l-Irlanda ssostni li huwa ċar, abbażi tal-għan espliċitu tad-Direttiva 2001/82, li d-drittijiet li joħorġu minnha ma humiex drittijiet lingwistiċi jew kulturali, imma pjuttost drittijiet rigward l-aċċess għal informazzjoni dwar prodotti mediċinali veterinarji. Tali drittijiet jinkisru biss jekk rikorrent ikun f'sitwazzjoni fejn ikollu f'idejh pakkett jew ittikkettjar li ma jkunx kapaċi jifhem għalkollox. Madankollu, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ma sostniex li kellu quddiemu pakkett jew ittikkettjar li ma setax jifhem għalkollox.

24. Min-naħa tiegħu, il-Gvern Pollakk jargumenta li d-dritt tal-Unjoni ma jirrikjedix li l-qrati nazzjonali jagħtu rimedju li jkun jikkonsisti f'li jordnaw lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jemendaw id-dritt nazzjonali b'mod li jkun konformi mad-dritt tal-Unjoni. Fi kwalunkwe każ, dan il-gvern isostni li r-rikors tar-rikorrent huwa ddestinat li jfalli. Anki kieku wieħed kellu jassumi li d-dritt li wieħed ikollu l-informazzjoni flimkien ma' prodotti mediċinali veterinarji bil-lingwa Irlandiża ġej minn dispożizzjonijiet inkundizzjonati u preċiżi biżżejjed tad-Direttiva 2001/82, dan id-dritt, minħabba n-natura tiegħu, ma huwiex dritt li jista' jkun invokat kontra l-awtoritajiet Irlandiżi. L-obbligu li dawn il-prodotti jkunu ttikkettjati bil-lingwa Irlandiża huwa responsabbiltà ta' entitajiet privati, jiġifieri l-produtturi u d-distributuri ta' dawn il-prodotti. Madankollu, ir-rikorrent ma jistax isostni d-dritt tiegħu li jkollu informazzjoni bl-Irlandiż fir-rigward ta' prodotti mediċinali veterinarji, kontra l-produtturi u d-distributuri ta' dawn il-prodotti, sa fejn direttiva ma tistax, minnha nnifisha, toħloq obbligi għal individwu u ma tistax għalhekk tkun invokata bħala tali kontra tiegħu.

25. Sa fejn hija kkonċernata l-ammissibbiltà ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, dawn l-argumenti ma humiex konvinċenti.

26. Fil-fehma tiegħi, l-argumenti mressqa kemm mill-Irlanda kif ukoll mill-Gvern Pollakk huma marbuta mal-mertu tar-rikors tar-rikorrent fil-kawża prinċipali fuq livell nazzjonali. L-oġġezzjonijiet imqajma mill-Irlanda jirrigwardaw kwistjoni preliminari li tikkonċerna l-mertu li, madankollu, ma tqajmitx mill-qorti tar-rinviju. L-istess jgħodd għall-oġġezzjonijiet imressqa

mill-Gvern Pollakk. Il-kwistjoni ta' jekk id-dritt tal-Unjoni jirrikjedix li qorti nazzjonali tagħti xi rimedju speċifiku hija wkoll kwistjoni li tikkonċerna l-mertu f'dawn il-proċeduri, u mhux kwistjoni ta' ammissibbiltà. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat b'mod konsistenti li argumenti li jikkonċernaw kwistjonijiet fil-mertu ma jistgħux jaffettwaw l-ammissibbiltà tad-domandi magħmula [4].

27. Barra minn dan, skont ġurisprudenza stabbilita, domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li jitressqu minn qorti nazzjonali fil-kuntest fattwali u leġiżlattiv li dik il-qorti għandha responsabbiltà li tiddefinixxi, u li tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex marbuta li tivverifika l-eżattezza, igawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Din il-preżunzjoni ma tistax tkun ikkonfutata bil-possibbiltà li r-rikorrent jista' fl-aħħar mill-aħħar jitlef il-kawża prinċipali quddiem il-qorti nazzjonali, b'mod partikolari jekk ċerta interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni tkun aċċettata mill-Qorti tal-Ġustizzja [5].

28. Għal dawn ir-raġunijiet, issa ngħaddi biex nittratta l-mertu taż-żewġ domandi magħmula.

## *B. Fuq il-mertu*

### *1. Kummenti preliminari*

29. Fil-każ ineżami r-rikorrent jinvoka – u l-qorti tar-rinviju wkoll tinvoka – uħud mill-prinċipji strutturali l-iktar importanti tad-dritt tal-Unjoni: l-effett dirett, is-supremazija, il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva u l-awtonomija proċedurali. *Prima facie*, il-kwistjonijiet imqajma f'din il-proċedura jistgħu jidhru kkumplikati ħafna. Madankollu, minn eżami iktar rigoruż, il-kwistjoni ċentrali toħroġ b'mod pjuttost ċar.

30. Kif qiegħed nifhem, fil-kawża prinċipali r-rikorrent essenzjalment talab tliet forom ta' rimedju: (i) dikjarazzjoni li d-dritt nazzjonali huwa inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, (ii) dikjarazzjoni li d-dritt nazzjonali għandu jkun konformi mad-dritt tal-Unjoni u, fl-aħħar nett, (iii) dikjarazzjoni li l-awtoritajiet nazzjonali għandhom konsegwentement jemendaw id-dritt nazzjonali.

31. Għalija ma huwiex kompletament ċar jekk dawn it-tliet forom ta' rimedju għandhomx jingħataw fl-istess ħin jew jekk il-qorti tar-rinviju tistax tagħżel b'mod liberu bejniethom. Għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, ser nassumi li l-qorti tar-rinviju għandha marġni ta' manuvra sinjifikattiv f'dan ir-rigward. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju tgħid li, taħt id-dritt nazzjonali, hija għandha setgħa diskrezzjonali sabiex *tagħżel* ir-rimedju li fil-fehma tagħha jkun l-iktar adegwat fid-dawl taċ-ċirkustanzi u, jekk ikun il-każ, tista' anki *tirrifjuta* li tagħti xi forma ta' rimedju [6]. Dik il-qorti għandha għalhekk dubju dwar jekk dan jibqax jgħodd ukoll meta rikorrent jislet id-drittijiet tiegħu mid-dritt tal-Unjoni.

32. F'dan l-isfond, jidher li, minn perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, kwistjonijiet marbuta mal-awtonomija proċedurali u mal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva jinsabu fil-qofol ta' din it-tilwima. Għalhekk, iż-żewġ domandi magħmula jistgħu jiġu indirizzati flimkien, u jistgħu jiġu

4 Ara, pereżempju, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 111).

5 Għal spjegazzjoni iktar iddettaljata u għal iktar referenzi ara, bħala eżempju reċenti, il-konklużjonijiet tiegħi fil-Kawża C-505/19, Bundesrepublik Deutschland (Interpol red notice) (EU:C:2020:939, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

6 Ara, iktar 'il fuq, il-punt 18 ta' dawn il-konklużjonijiet.

fformulati mill-ġdid b'dan il-mod: id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-prinċipji ta' awtonomija proċedurali u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, jipprekludi leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali li bis-saħħa tagħhom il-qrati nazzjonali jgawdu minn setgħa diskrezzjonali sabiex jiddeċiedu jekk jagħtux rimedju u, jekk dan ikun il-każ, f'liema forma jagħtu dan ir-rimedju, fir-rigward ta' rikorrent li jsostni li l-awtoritajiet ma ttrasponewx direttiva b'mod korrett, meta r-rikors ikun fondat?

33. Sabiex nagħti risposta għal din il-domanda, dawn il-konklużjonijiet huma maqsuma kif ġej: ser nibda billi nistabbilixxi l-qafas legali rilevanti għall-analiżi, sabiex nispjega kif għandha tiġi evalwata din il-kawża (2). Imbagħad ser nuri fil-qosor kif, f'kawżi preċedenti, il-Qorti tal-Ġustizzja applikat dan il-qafas għal kawżi speċifiċi (3). Fuq din il-bażi, ser nidentifika numru ta' temi u linji gwida trażversali li jistgħu jkunu utli għall-qorti tar-rinviju (4). Sa fejn fl-aħħar mill-aħħar ser tkun il-qorti tar-rinviju li ser ikollha tislet il-konsegwenzi għat-tilwima inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ser nikkonkludi b'xi kunsiderazzjonijiet li huma speċifiċi għal din il-kawża (5).

## *2. Il-qafas rilevanti: l-effettività "Rewe" u l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva taħt l-Artikolu 47 tal-Karta*

34. Skont ġurisprudenza stabbilita, regoli tad-dritt tal-Unjoni applikabbli direttament li jkunu sors immedjat ta' drittijiet u obbligi għal dawk kollha kkonċernati, sew Stati Membri u sew individwi, għandhom iħallu l-effett sħiħ tagħhom, b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha, minn meta jidħlu fis-seħħ u *sakemm iddum il-validità tagħhom*[7].

35. Hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li kwalunwke qorti nazzjonali, meta tisma' kawża li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tagħha, għandha, bħala organu ta' Stat Membru, l-obbligu, konformi mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, *li tapplika b'mod sħiħ* id-dritt tal-Unjoni direttament applikabbli u li tipproteġi d-drittijiet li dan tal-aħħar jagħti lil individwi, filwaqt li tħalli mhux applikata kwalunkwe dispożizzjoni kuntrarja tad-dritt nazzjonali[8].

36. Minn dan isegwi li kwalunkwe *dispożizzjoni* ta' sistema legali nazzjonali u kwalunkwe *prattika* leġiżlattiva, amministrattiva jew *ġudizzjarja* li tista' ddgħajjef l-effettività tad-dritt tal-Unjoni billi ċċaħħad lil qorti nazzjonali, li jkollha l-ġurisdizzjoni li tapplika tali dritt, mis-setgħa li tagħmel dak kollu meħtieġ waqt l-applikazzjoni tiegħu sabiex twarrab dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li jistgħu jimpedixxu li regoli tal-Unjoni direttament applikabbli jkollhom forza u effett sħaħ, hija inkompatibbli mar-rekwiżiti li huma l-qofol essenzjali tad-dritt tal-Unjoni[9].

37. Madankollu, kemm għandu jkun sħiħ l-effett sħiħ ta' regoli tal-Unjoni applikabbli direttament, sabiex ikun għalkollox effettiv? Ħlief jekk, awtomatikament, "sħiħ" għandha tfisser kollox, kwalunkwe ħaġa, u lil hinn minn hekk, ma hemm, fil-fatt, fid-dritt tal-Unjoni ebda kriterju indipendenti sabiex tiġi evalwata l-effettività sħiħa. Minflok, issir evalwazzjoni każ b'każ, normalment imwettqa b'riferiment trażversali għall-qafas leġiżlattiv nazzjonali inkwistjoni f'kawża partikolari.

7 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal (106/77, EU:C:1978:49, punti 14 u 15); tad-19 ta' Ġunju 1990, Factortame *et* (C-213/89, EU:C:1990:257, punt 18); u tat-8 ta' Settembru 2010, Winner Wetten (C-409/06, EU:C:2010:503, punt 54).

8 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal (106/77, EU:C:1978:49, punti 16 u 21); tad-19 ta' Ġunju 1990, Factortame *et* (C-213/89, EU:C:1990:257, punt 19); u tat-8 ta' Settembru 2010, Winner Wetten (C-409/06, EU:C:2010:503, punt 55).

9 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal (106/77, EU:C:1978:49, punt 22); tad-19 ta' Ġunju 1990, Factortame *et* (C-213/89, EU:C:1990:257, punt 20); u tat-8 ta' Settembru 2010, Winner Wetten (C-409/06, EU:C:2010:503, punt 56).

38. Dan huwa inevitabbli jekk, awtomatikament, il-prinċipju ta' infurzar nazzjonali tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni jkun l-awtonomija proċedurali nazzjonali. Il-kriterju inizjali ta' riferiment jibqa' dak nazzjonali. Skont ġurisprudenza stabbilita, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni, kull Stat Membru għandu jaħtar il-qrati u t-tribunali li jkollhom ġurisdizzjoni, u għandu jistabbilixxi r-regoli proċedurali ddettaljati li jirregolaw il-proċeduri legali sabiex ikunu mħarsa d-drittijiet li kull individwu jislet mid-dritt tal-Unjoni. Madankollu, dawn ir-regoli ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw kawżi simili domestiċi (ir-rekwiżit ta' *ekwivalenza*) u lanqas ma għandhom jirrendu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni (ir-rekwiżit ta' *effettività*) [10].

39. Fil-kawża preżenti, il-kwistjoni ta' *ekwivalenza* ovvjament ma tqumx. Id-dubji tal-qorti tar-rinviju ġejjin mill-fatt stess li r-regoli proċedurali nazzjonali inkwistjoni japplikaw mhux biss għal sitwazzjonijiet irregolati mid-dritt nazzjonali, imma wkoll għal dawk irregolati mid-dritt tal-Unjoni.

40. Il-kwistjoni vera hija, għalhekk, dik ta' *effettività*.

41. Madankollu, f'kawża bħal din inkwistjoni, ir-rekwiżit ta' effettività, mifhum bħala kundizzjoni għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, u li għalhekk kultant nirreferu għalih bħala r-rekwiżit ta' "effettività-Rewe" [11], jikkoinċidi fil-prattika mad-dritt fundamentali għal *rimedju ġudizzjarju effettiv* skont l-Artikolu 47 tal-Karta. Ċertament, ir-rikorrent jallega li l-applikazzjoni tar-regoli proċedurali nazzjonali inkwistjoni ċċaħħdu minn rimedju adegwat sabiex jiżgura l-protezzjoni tad-dritt (sostantiv) li huwa jislet mid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni inkwistjoni: li jkollu l-informazzjoni mogħtija flimkien mal-prodotti mediċinali veterinarji fiż-żewġ lingwi uffiċjali (l-Irlandiż u l-Ingliż) tal-Istat.

42. Bħalma indikajt fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Banger, jista' jkun li r-rabta bejn il-prinċipju ta' effettività, bħala wieħed miż-żewġ rekwiżiti marbutin mal-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, u l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, bħala dritt fundamentali iktar tard sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta, (għadha) ma hijiex għalkollox ċara [12]. Ftit li xejn jista' wieħed jinnega li, tal-inqas, iż-żewġ prinċipji jikkoinċidu b'mod kunsiderevoli fir-rigward tas-sustanza tagħhom.

43. Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda t-tip ta' evalwazzjoni li għandha titwettaq, jistgħu jitqiesu bħala li qegħdin jitolbu li sitwazzjoni speċifika tkun eżaminata minn żewġ angoli komplementari: l-effettività(-Rewe) tiffoka fuq il-livell *strutturali* (l-eżistenza, b'mod ġenerali, ta' rimedji adegwati fit-tip ta' sitwazzjoni inkwistjoni), filwaqt li l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva skont l-Artikolu 47 tal-Karta tagħti attenzjoni iktar mill-qrib lil-livell *individwali* (l-eżistenza, *in concreto*, ta' rimedji adegwati għall-persuna kkonċernata).

44. Il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li huwa issa rrikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta. Huwa jistipula, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' rimedji adegwati ta' natura ġudizzjarja kontra kwalunkwe deċiżjoni tal-awtoritajiet nazzjonali li

[10] Ara, fost ħafna, is-sentenza reċenti tal-24 ta' Ottubru 2018, XC *et* (C-234/17, EU:C:2018:853, punti 21 u 22, u l-ġurisprudenza ċċitata).

[11] Minħabba li kienet ifformulata l-ewwel darba fis-sentenza tas-16 ta' Diċembru 1976, Rewe-Zentralfinanz u Rewe-Zentral (33/76, EU:C:1976:188).

[12] C-89/17, EU:C:2018:225, punti 99 sa 107.

tista' tikser id-drittijiet u l-libertajiet li l-individwi jisiltu mid-dritt tal-Unjoni[13]. F'dan il-kuntest, il-qorti nazzjonali adita bit-tilwima għandu jkollha, *inter alia*, is-setgħa li tieħu inkunsiderazzjoni l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi li jkunu rilevanti għall-kawża li jkollha quddiemha[14].

45. Madankollu, il-portata u l-intensità tal-istħarriġ li qorti nazzjonali għandha twettaq sabiex tkun konformi mal-Artikolu 47 tal-Karta jvarjaw skont il-kuntest speċifiku u ċ-ċirkustanzi rilevanti ta' kull każ[15]. Bħalma l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat repetutament, l-elementi li jridu jittieħdu inkunsiderazzjoni jinkludu, *inter alia*, in-"natura tal-att inkwistjoni, tal-kuntest tal-adozzjoni tagħha u tar-regoli legali li jirregolaw il-materja kkonċernata"[16].

46. Naturalment, hemm ġurisprudenza abbundanti fuq l-effettività(-Rewe) li matul dawn l-aħħar għaxar snin sfat essenzjalment imwarrba favur il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva skont l-Artikolu 47 tal-Karta. Madankollu, din il-ġurisprudenza, li hija ferm speċifika għal kull każ partikolari, qajla tista' titqies li hija konsistenti.

### *3. Il-ġurisprudenza preċedenti: approċċ strett, approċċ moderat, u approċċ xi mkien bejniethom*

47. Il-ġurisprudenza miġbura matul is-snin tvarja[17]. Billi hija tant speċifika għal kull każ, din il-ġurisprudenza ma tippermettix ġeneralizzazzjoni. Wieħed jista' jsib eżempji ta' approċċi differenti. Dawn ivarjaw minn pożizzjoni li hija pjuttost favur l-Istati Membri, fejn l-ekwivalenza tkun ġeneralment biżżejjed, sa affermazzjonijiet bla kompromessi ta' effettività, fejn Stat Membru jkollu jmur lil hinn (bil-bosta) minn dak li normalment huwa possibbli skont id-dritt nazzjonali.

48. Fuq naħa waħda tal-ispettru, insibu l-kawżi li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat ir-regoli proċedurali nazzjonali inkwistjoni, wara li tkun poġġiet it-twettiq tal-kundizzjoni ta' ekwivalenza bħala l-punt fokali tal-analiżi tagħha. Hawnhekk, l-evalwazzjoni tal-kundizzjoni ta' effettività ngħatat attenzjoni notevolment ħafifa[18]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara li l-prinċipju ta' ekwivalenza ma jistax ikun interpretat bħala obbligu għall-Istati Membri li jestendu s-sistema proċedurali nazzjonali l-iktar favorevoli tagħhom għall-azzjonijiet kollha bbażati fuq id-dritt tal-Unjoni[19]. Jidher li dan l-istandard 'moderat' ta' analiżi kien applikat l-iktar fil-każ ta' kunċetti u mekkaniżmi tad-dritt proċedurali li huma komuni għall-ordinamenti legali tal-Istati Membri kollha, billi huma intrinsiċi għal kwalunkwe sistema ġudizzjarja (bħar-*res iudicata*, it-termini ta' preskrizzjoni u oħrajn simili).

13 Ara, fost ħafna, is-sentenzi tad-29 ta' Novembru 2018, Bank Tejarat vs Il-Kunsill (C-248/17 P, EU:C:2018:967, punt 79), u tal-31 ta' Jannar 2019, Islamic Republic of Iran Shipping Lines *et* vs Il-Kunsill (C-225/17 P, EU:C:2019:82, punt 62).

14 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Novembru 2012, Otis *et* (C-199/11, EU:C:2012:684, punt 49), u tas-17 ta' Diċembru 2015, Imtech Marine Belgium (C-300/14, EU:C:2015:825, punt 38).

15 Għal iktar referenzi, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Banger (C-89/17, EU:C:2018:225, punt 104).

16 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2013, Il-Kummissjoni *et* vs Kadi (C-584/10 P, C-593/10 P u C-595/10 P, EU:C:2013:518, punt 102), u tas-26 ta' Lulju 2017, Sacko (C-348/16, EU:C:2017:591, punt 41).

17 Il-letteratura legali ssuġġerixxiet li jkun hemm mewġiet jew bidliet ta' tendenzi fl-approċċ, li jvarjaw bejn iktar jew inqas intervent min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja mal-mogħdija taż-żmien. Ara, pereżempju, Dougan, M., *National Remedies Before the Court of Justice: Issues of Harmonisation and Differentiation*, Hart Publishing, Oxford, 2004, pp. 227 sa 233, jew Tridimas, T., *The General Principles of EC Law*, it-tieni edizzjoni, Oxford University Press, Oxford, 2006, pp. 420 sa 422.

18 Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-1 ta' Diċembru 1995, Van Schijndel u Van Veen (C-430/93 u C-431/93, EU:C:1995:441); tal-24 ta' Ottubru 1996, Kraaijeveld *et* (C-72/95, EU:C:1996:404); u tas-17 ta' Marzu 2016, Bensada Benallal (C-161/15, EU:C:2016:175).

19 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Settembru 1998, Edis (C-231/96, EU:C:1998:401, punt 36), u tal-1 ta' Diċembru 1998, Levez (C-326/96, EU:C:1998:577, punt 42).

49. Fuq in-naħa l-oħra tal-ispettru, wieħed isib kawżi bħalma huma Simmenthal, San Giorgio, Factortame, Cartesio, Elchinov, jew Klausne [20], fejn il-Qorti tal-Ġustizzja insistiet kategorikament fuq interpretazzjoni stretta ta' effettività. Tipikament, dawn il-kawżi kienu jirrigwardaw sitwazzjonijiet fejn tip ta' rimedju ma kienx jeżisti fl-ordinament legali nazzjonali, filwaqt li l-prattika nazzjonali inkwistjoni kienet ikkunsidrata bħala li tirriżulta f'ostakoli sistemiċi għall-effettività sħiħa tad-dritt tal-Unjoni jew għal protezzjoni fil-pront u sħiħa tal-individwi li d-drittijiet tagħhom kienu milquta negattivament.

50. Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda b'mod iktar speċifiku l-kuntest tal-kawża preżenti, il-Qorti tal-Ġustizzja adottat ukoll approċċ pjuttost strett f'diversi kawżi li fihom il-kwistjoni mqajma mill-qrati tar-rinviju kienet tirrigwarda l-effetti, *ratione temporis*, ta' sentenzi li kkonstataw inkompatibbiltà ta' liġi nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni. F'kawżi bħalma huma Winner Wetten, Filipiak, Gutierrez Naranjo, jew Association France Nature Environment [21], il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment ċaħdet il-possibbiltà li qrati nazzjonali, inklużi l-qrati supremi jew qrati kostituzzjonali, ikollhom is-setgħa li jittardjaw l-effetti ta' konstatazzjoni ta' inkompatibbiltà ta' miżura nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni jew li joħolqu sistema tranżitorja sabiex jimlew allegata lakuna legali. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, kwalunkwe deċiżjoni bħal din tkun ekwivalenti għal limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti ta' interpretazzjoni ta' regola tad-dritt tal-Unjoni, punt li dwaru hija l-Qorti tal-Ġustizzja biss li għandha tagħti deċiżjoni. Min-naħa l-oħra, meta jitqies il-kuntest, wieħed għandu daqstant ieħor jirrikonoxxi li element komuni importanti f'dawn il-kawżi kien ikkostitwit mill-osservanza xierqa, u saħansitra l-implimentazzjoni, ta' sentenzi preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja inkwistjoni f'dawn il-kawżi.

51. Fl-aħħar nett, bejn dawn iż-żewġ estremi, wieħed isib dawk il-kawżi li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja għażlet it-triq tan-nofs. Il-Qorti tal-Ġustizzja spiss ipprovat tasal għal deċiżjonijiet "Salamoniċi" li, filwaqt li japprovaw uffiċjalment regoli nazzjonali tal-Istati Membri, jillimitaw l-awtonomija tagħhom rigward il-mod li bih dawn ir-rimedji għandhom ikunu użati. Kawżi bħalma huma Fantask, Melki u Abdeli, DEB, Lesoochranárske zoskupenie VLK, joffru eżempji tajbin f'dan ir-rigward [22].

52. Għadd ta' deċiżjonijiet reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja jidhru li huma żviluppati skont din l-aħħar tip ta' ġurisprudenza. F'dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja eżiġiet li l-qrati nazzjonali jagħmlu użu mill-potenzjal sħiħ offrut mir-regoli proċedurali nazzjonali tagħhom, sabiex jirnexxilhom jilħqu l-għanijiet imfittxija mid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni, imma *biss sa fejn* tali eżerċizzju interpretattiv kien konsistenti mal-prinċipju ta' legalità u ma kien ser iwassal għal ebda ksur ta' drittijiet fundamentali [23].

[20] Rispettivament, is-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal (106/77, EU:C:1978:49, punti 14 u 15); tad-9 ta' Novembru 1983, San Giorgio (199/82, EU:C:1983:318); tad-19 ta' Ġunju 1990, Factortame *et* (C-213/89, EU:C:1990:257, punt 18); tas-16 ta' Diċembru 2008, Cartesio (C-210/06, EU:C:2008:723); tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581); u tal-11 ta' Novembru 2015, Klausner Holz Niedersachsen (C-505/14, EU:C:2015:742).

[21] Rispettivament, is-sentenzi tad-19 ta' Novembru 2009, Filipiak (C-314/08, EU:C:2009:719); tat-8 ta' Settembru 2010, Winner Wetten (C-409/06, EU:C:2010:503); tal-21 ta' Diċembru 2016, Gutiérrez Naranjo *et* (C-154/15, C-307/15 u C-308/15, EU:C:2016:980); u tat-28 ta' Lulju 2016, Association France Nature Environnement (C-379/15, EU:C:2016:603).

[22] Rispettivament, is-sentenzi tat-2 ta' Diċembru 1997, Fantask *et* (C-188/95, EU:C:1997:580); tat-22 ta' Ġunju 2010, Melki u Abdeli (C-188/10 u C-189/10, EU:C:2010:363); tat-22 ta' Diċembru 2010, DEB (C-279/09, EU:C:2010:881); u tat-8 ta' Novembru 2016, Lesoochranárske zoskupenie VLK (C-243/15, EU:C:2016:838).

[23] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Diċembru 2017, M.A.S. u M.B. (C-42/17, EU:C:2017:936); tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et* (C-310/16, EU:C:2019:30); u tad-19 ta' Diċembru 2019, Deutsche Umwelthilfe (C-752/18, EU:C:2019:1114).

53. Kollox ma' kollox, il-"kontradizzjoni Rewe/Simmenthal"[24], li, sa fejn ir-rekwiżit ta' *ekwivalenza* (jew il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni) minn naħa, u dak ta' *effettività*, min-naħa l-oħra, huma kkonċernati, tiġbed f'direzzjonijiet differenti, għadha tidher ħafna fit-test ta' awtonomija proċedurali nazzjonali. Madankollu, limiti interni għal affermazzjoni mhux ikkwalifikata ta' effettività qegħdin dejjem iktar u iktar jiġu espressament irrikonoxxuti bħala riżultat tal-prinċipju ta' legalità u tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali (u forsi wkoll ta' ftit sens komun)[25].

### *4. Il-livell strutturali: evalwazzjoni każ b'każ*

54. Fil-fehma tiegħi, il-prinċipji tal-Unjoni u l-ġurisprudenza li għadni kif fissirt iwasslu għall-konklużjoni li ma jista' jkun hemm ebda tweġiba *wiesgħa u ġenerali* għall-mistoqsija ta' jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix leġiżlazzjoni jew prattika nazzjonali li skonthom il-qrati nazzjonali jgawdu minn setgħa diskrezzjonali sabiex jiddeċiedu għandhomx jagħtu rimedju u, jekk dan ikun il-każ, il-forma li dan ir-rimedju għandu jieħu, fir-rigward ta' rikorrent li jsostni li l-awtoritajiet ma ttrasponewx direttiva b'mod korrett, u dan meta l-azzjoni tiegħu tkun fondata.

55. Dan jiddependi sempliċement mill-każ individwali. Ma nista' nara ebda raġuni għaliex id-dritt tal-Unjoni għandu, *bħala prinċipju*, jipprekludi leġiżlazzjoni jew prattika bħal din. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat b'mod konsistenti li kull każ li jqajjem il-kwistjoni ta' jekk dispożizzjoni proċedurali nazzjonali tagħmilx l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni impossibbli jew eċċessivament diffiċli "għandu jiġi analizzat billi jittieħed inkunsiderazzjoni r-rwol ta' din id-dispożizzjoni fil-proċedura kollha, l-iżvolġiment tagħha u l-karatteristiċi partikolari tagħha, quddiem id-diversi qrati nazzjonali. F'din il-perspettiva, hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni, jekk ikun neċessarju, il-prinċipji li fuqhom hija bbażata s-sistema ġudizzjarja nazzjonali, bħalma huma l-ħarsien tad-drittijiet tad-difiża, il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-iżvolġiment korrett tal-proċedura"[26].

56. Għalhekk, dak li hu meħtieġ, fid-dritt tal-Unjoni, hija korrelazzjoni raġonevoli bejn id-drittijiet, il-ksur u t-tip u l-portata tar-rimedji jew kumpens mogħtija, fid-dawl tal-fatti u taċ-ċirkustanzi tal-każ. Kull każ għandu jkun evalwat fil-kuntest u fid-dimensjoni partikolari tiegħu. Fil-fehma tiegħi, dan ir-rekwiżit ma huwiex limitat biss għad-dritt tal-Unjoni, imma huwa inerenti għal kwalunwke sistema legali moderna Ewropea. Jiena ma naħsibx li l-effettività tant irrispettata tad-dritt tal-Unjoni għandha tkun invokata bħala mezz sabiex effettivament immorru *de facto* lura, quddiem qorti nazzjonali fejn id-dritt tal-Unjoni jista' jkun inkwistjoni, għal deċiżjonijiet stretti, inflessibbli u bħala konsegwenza għalhekk għalkollox sproporzjonati, li jfakkru fis-sentenzi kriminali fl-Ingilterra tas-seklu sbatax u tmintax.

57. Għaldaqstant, jiena jidhirli li hija l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja stess li fil-fatt tirrikjedi li l-qrati nazzjonali, filwaqt li jużaw id-diskrezzjoni tagħhom fir-rigward tar-rimedji mitluba, jieħdu inkunsiderazzjoni elementi bħal dawk indikati mill-qorti tar-rinviju: dewmien eċċessiv biex jinbdew il-proċeduri, in-nuqqas li jintalbu rimedji iktar xierqa, nuqqas ta' sinċerità

24 Ara, b'mod partikolari, Prechal, S., "Community Law in National Court: The Lessons from Van Schijndel", *Common Market Law Review*, vol. 35, 1998, p. 687.

25 Li jista' jissejjaħ ukoll "regola ta' raġuni", "proporzjonalità", jew sempliċement "bilanċ raġonevoli" li għandu jintlaħaq bejn l-interessi inkwistjoni – ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawżi magħquda van Schijndel u van Veen (C-430/93 u C-431/93, EU:C:1995:185, punt 31), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Peterbroeck (C-312/93, EU:C:1994:184, punt 40).

26 Ara b'mod partikolari s-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 1995, van Schijndel u van Veen (C-430/93 u C-431/93, EU:C:1995:441, punt 19), u tal-14 ta' Diċembru 1995, Peterbroeck (C-312/93, EU:C:1995:437, punt 14). Ara reċentement is-sentenza tat-2 ta' April 2020, CRPNPAC u Vueling Airlines (C-370/17 u C-37/18, EU:C:2020:260, punt 93).

min-naħa tar-rikorrent, nuqqas tar-rikorrent li jaġixxi *in bona fide*, il-preġudizzju għal partijiet terzi, u fejn l-għoti tar-rimedju ma jservi ebda skop utli. It-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn l-elementi ma jċaħħadx, *per se*, lil rikorrent minn protezzjoni ġudizzjarja, u lanqas ma jagħmel ineffettivi d-drittijiet sostantivi li tagħhom rikorrent ifittex protezzjoni.

58. Għall-kuntrarju, meta tieħu dawn l-elementi li semmejna hawn fuq inkunsiderazzjoni, il-qorti nazzjonali ma tkun qiegħda tagħmel xejn iktar milli twettaq il-funzjoni ġudizzjarja tagħha, jiġifieri li, għal kull tilwima, tfittex l-iktar soluzzjoni xierqa billi tosserva l-kuntest speċifiku u ċ-ċirkustanzi rilevanti kollha. Mill-ġdid, il-prinċipji ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma jistgħux ikunu interpretati fis-sens li qegħdin jimponu fuq il-qrati nazzjonali xi natura awtomatika (mingħajr sens).

59. Huwa minnu li l-fatt li d-diskrezzjoni tal-qrati nazzjonali ma tikkonċernax biss il-*forma* tar-rimedju li għandu jingħata, imma wkoll jekk ikunx opportun li *jingħata rimedju jew li ma jingħatax*, jista' jimplika li, għall-inqas f'ċerti każijiet, l-individwu jkun imċaħħad għalkollox minn kwalunkwe għamla ta' protezzjoni ġudizzjarja u l-effettività tar-regoli rilevanti tal-Unjoni ma tkunx assigurata.

60. Fil-fehma tiegħi, madankollu, konklużjoni bħal din ma tkunx waħda raġonevoli. Tassew li, sa fejn naf jien, fis-sistemi legali kollha hemm prinċipji proċedurali jew mekkaniżmi maħsuba sabiex ikunu evitati sitwazzjonijiet fejn applikazzjoni għamja u awtomatika tar-regoli tista' twassal għal riżultat inġust u sproporzjonat, jew għal soluzzjoni li ma tkun tiswa għalxejn. F'dan ir-rigward, jiġuni f'moħħi, pereżempju, regoli marbuta mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u tal-ekonomija ġudizzjarja, jew regoli kontra l-abbuż ta' drittijiet jew ta' proċess, u kawżi frivoli jew vessatorji. Għalhekk, ma hemm xejn intrinsikament illegali fil-fatt li, minkejja li rikorrent ikun qiegħed jaġixxi skont id-drittijiet tiegħu u l-pretensjonijiet tiegħu jkunu fondati, jista' jkun li, f'każijiet tassew eċċezzjonali (u nagħmel enfasi fuq każijiet tassew eċċezzjonali), huwa ma jiksibx il-forma ta' rimedju li jkun fittex. Mill-ġdid, jekk riżultat bħal dak jistax ikun iġġustifikat jiddependi miċ-ċirkustanzi u l-kuntest ta' kull każ individwali.

61. Jien għalhekk nikkonkludi li evalwazzjoni tal-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali, bħal dik inkwistjoni – sew jekk tkun taħt il-kundizzjoni (iktar orjentata lejn l-istruttura) ta' effettività bħala parti mill-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, sew jekk taħt il-prinċipju (iktar orjentat lejn id-dritt individwali) ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva – għandha normalment titwettaq fuq il-bażi ta' każ b'każ. Dak li huwa kruċjali, fil-fehma tiegħi, huwa li, f'kull każ, il-qorti nazzjonali għandha titħalla tikkonstata hemmx relazzjoni raġonevoli (jew proporzjonali) bejn in-natura u l-importanza tad-dritt invokat; il-gravità tal-ksur jew l-importanza tad-dannu mġarrab; u t-tip ta' rimedju jew kumpens imfittex. Dan kollu għandu jkun ikkalkolat u evalwat fid-dawl tas-sitwazzjoni fattwali u legali inkwistjoni.

62. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti risposta lill-qorti tar-rinviju fis-sens li d-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-prinċipji ta' awtonomija proċedurali u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, ma jipprekludux, ċertament mhux *per se*, leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali li skonthom il-qrati nazzjonali jgawdu s-setgħa diskrezzjonali li jiddeċiedu jekk jagħtux rimedju, u, jekk dan ikun il-każ, il-forma tar-rimedju li għandu jingħata, fir-rigward ta' rikorrent li jsostni li l-awtoritajiet ma ttrasponewx direttiva b'mod korrett, f'sitwazzjoni fejn l-azzjoni tkun fondata. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiżgura li, fuq il-bażi tal-fatti u tal-kuntest ta' kull kawża individwali quddiemha, ikun hemm relazzjoni

raġonevoli bejn in-natura tad-drittijiet invokati, il-gravità tal-ksur tagħhom jew tad-dannu mġarrab u t-tip ta' rimedju mitlub, u konsegwentement ir-rimedju li hija tiddeċiedi li tagħti (jew, skont il-każ, ma tagħtix) lir-rikorrent.

63. Fir-rigward tat-tilwima inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dan jinvolvi evalwazzjoni li l-qorti tar-rinviju hija kjarament fl-aħjar pożizzjoni li twettaq. Madankollu, bil-għan li nipprovdi lil din il-qorti b'xi punti ta' gwida utli, ser nagħmel issa kunsiderazzjonijiet addizzjonali, filwaqt li nżomm quddiem għajnejja ċerti karatteristiċi speċifiċi tal-kawża preżenti.

### *5. Il-kuntest ta' din il-kawża: drittijiet, ksur, rimedji*

64. Fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju hija essenzjalment mitluba tiddetermina jekk (xi waħda, xi wħud, jew kollha kemm huma) it-tliet forom ta' rimedju mitluba mir-rikorrent jikkostitwixxux eżitu ġust u proporzjonat għall-ħarsien tad-drittijiet invokati mir-rikorrent.

65. Naturalment, dan ikun il-każ jekk nassumu li d-dispożizzjonijiet tal-Unjoni inkwistjoni għandhom effett dirett. Rigward l-istruttura tar-relazzjoni, huwa tabilħaqq minnu li l-konvenuti huma awtoritajiet pubbliċi u li, skont ġurisprudenza stabbilita, persuni individwali jistgħu jinvokaw id-dispożizzjonijiet ta' direttiva kontra dawn l-awtoritajiet meta l-Istat ikun naqas milli jittrasponihom sa tmiem it-terminu preskritt[27].

66. Madankollu, jekk id-dispożizzjoni(jiet) tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni għandhomx effett dirett, u preċiżament x'inhu l-kontenut tar-regola effettiva direttament, jikkostitwixxu materja differenti. Skont ġurisprudenza stabbilita, dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jkollha effett dirett kull meta, sa fejn jikkonċerna s-suġġett tagħha, tkun biżżejjed ċara, preċiża u inkundizzjonata tant li tkun tista' tiġi invokata kontra miżura nazzjonali kunfliġġenti, jew sa fejn din id-dispożizzjoni tistabbilixxi drittijiet li persuni individwali jkunu jistgħu jsostnu kontra l-Istat[28].

67. Fil-kawża ineżami, jidher li l-qorti tar-rinviju diġà tat deċiżjoni fuq il-kwistjoni fi stadju preliminari billi kkonstatat li, kif sostna r-rikorrent, id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni inkwistjoni huma biżżejjed ċari, preċiżi u inkundizzjonati tant li jiskattaw effett dirett. Il-qorti tar-rinviju ma talbitx lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex teżamina din il-kwistjoni u jien nirrispetta din id-deċiżjoni, minkejja l-fatt li din il-kwistjoni tqajmet u tressqet mill-Irlanda għal skop ta' ammissibbiltà[29]. Madankollu, ser nirreferi, xorta waħda, għal żewġ elementi.

68. L-ewwel, li regola tkun preċiża, bħala kundizzjoni għal effett dirett, ifisser li l-kontenut tal-obbligu li jaqa' fuq l-Istat Membru jkun tabilħaqq ċar. Il-portata ta' regola direttament effettiva mhux neċessarjament tkun tikkoinċidi testwalment mat-totalità tal-proposta legali. Għalhekk, huwa ċertament possibbli li minn proposta wiesgħa tinħareġ regola idjaq li teżisti waħedha, li tkun tirrifletti l-obbligu minimu li l-Istat Membru jkun responsabbli għalih. Din ir-regola, madankollu, għandha tkun ċara u preċiża fir-rigward tal-portata u l-kontenut tagħha[30].

[27] Ara, f'dan is-sens u bħala eżempju, is-sentenza tal-24 ta' Jannar 2012, Dominguez (C-282/10, EU:C:2012:33, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[28] Ara, fost ħafna, is-sentenzi tad-19 ta' Jannar 1982, Becker (8/81, EU:C:1982:7, punt 25), u tal-15 ta' April 2008, Impact (C-268/06, EU:C:2008:223, punti 56 u 57).

[29] Ara, iktar 'il fuq, il-punti 22 u 23 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[30] Għal iktar dettall u iktar referenzi, ara wkoll il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Klohn (C-167/17, EU:C:2018:387, punti 36 sa 46).

69. It-tieni, waqt li jkun qiegħed jagħmel analiżi bħal din rigward regola li tkun inkluża f'direttiva, wieħed jagħmel tajjeb jiftakar li l-pożizzjoni kostituzzjonali li tapplika sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor fir-rigward tat-traspożizzjoni ta' direttiva hija l-għażla u l-awtonomija tal-Istat Membru, naturalment bil-kundizzjoni li d-direttiva stess ma tipprekludix din l-għażla. B'kuntrast, jekk regolament ser jikkonċedi din l-għażla u diskrezzjoni, it-test tar-regolament irid jiddikjara dan espressament. Dan il-fatt jaf ikun partikolarment rilevanti meta ssir evalwazzjoni tal-ambitu ta' obbligu speċifiku, wara li jkun inbidel it-tip ta' sors tad-dritt tal-Unjoni li jirregola qasam partikolari, bħalma kien il-każ reċentement f'għadd ta' oqsma tad-dritt tal-Unjoni [31], meta l-istrument regolatorju f'ċertu qasam inbidel minn direttiva għal regolament.

70. Hu x'inhu, hemm aspett ieħor li jixraqlu kunsiderazzjoni. In-natura tad-dritt inkwistjoni hija wieħed mill-elementi li normalment jittieħdu inkunsiderazzjoni [32] sabiex jiġi ddeterminat ir-rimedju xieraq li għandu jkun assigurat għall-individwu involut. Ċertament, in-natura u l-importanza tad-dritt inkwistjoni jinsabu fl-istadju tal-input tal-ekwazzjoni ta' evalwazzjoni ġenerali li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni minn qorti nazzjonali [33]. Jiena naħseb li, fil-kawża preżenti, jixraq li dan l-element jingħata attenzjoni, kif ser nagħmel issa.

### *a) Liema drittijiet? Drittijiet lingwistiċi fid-dritt tal-Unjoni*

71. Nibda biex ngħid li qajla hemm xi dubju li d-diversità lingwistika hija partikolarment apprezzata fl-Unjoni Ewropea. Skont l-Artikolu 3 TUE, l-Unjoni għandha "tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha" u għandha "tassigura li jitħares u jkun żviluppat il-wirt kulturali Ewropew". Għal dan il-għan, b'konformità mal-Artikolu 165(2) TFUE, l-Unjoni għandha tippromwovi t-tagħlim u t-tixrid tal-lingwi tal-Istati Membri.

72. Ir-rispett tad-diversità lingwistika huwa wkoll stabbilit fl-Artikolu 22 tal-Karta. Barra minn hekk, l-Artikolu 21 tal-Karta jipprojbixxi kwalunkwe diskriminazzjoni abbażi, *inter alia*, tal-lingwa.

73. Barra minn dan, il-multilingwiżmu kien minn dejjem prinċipju ċentrali tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea u prova bikrija ta' dan hija l-adozzjoni tar-Regolament Nru 1 fl-1958 [34].

74. Madankollu, filwaqt li dawn il-prinċipji u l-valur tagħhom huma verament ta' importanza kbira, kien irrikonoxxut ukoll li l-politika dwar il-lingwa tinvolvi li jsiru għażliet li, kultant, ikunu wkoll politikament u soċjalment delikati. Minħabba dan, kemm il-leġiżlatur tal-Unjoni kif ukoll il-qrati tal-Unjoni adottaw b'mod konsistenti approċċ pjuttost prudenti, diplomatiku u prammatiku fir-rigward tal-lingwi, fil-livell tal-Unjoni, kif ukoll meta dan il-livell jista' probabbilment ikollu riperkussjonijiet fil-livell tal-Istati Membri.

31 Ara, għal eżempju reċenti, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Fashion ID (C-40/17, EU:C:2018:1039, punti 45 sa 48).

32 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB"), tal-20 ta' Marzu 2008, Budayeva *et* vs Ir-Russja (CE:ECHR:2008:0320JUD001533902, punt 191).

33 Ara, iktar 'il fuq, il-punti 54 sa 62 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 Kunsill KEE: Regolament Nru 1 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 3), kif sussegwentement emendat.

75. Fil-livell tal-funzjonament intern tal-Unjoni, is-sistema qatt ma kienet riġida żżejjed. Ibda biex, anki fir-rigward tal-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, dan l-aħħar saru xi eċċezzjonijiet, partikolarment fir-rigward tal-Irlandiż[35] jew tal-Malti[36]. Iktar importanti minn hekk, għall-iskopijiet tal-kawża ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet b'mod konsistenti l-idea li, bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandu jkun hemm ugwaljanza assoluta bejn il-lingwi uffiċjali kollha[37]. Il-prinċipju ta' awtentiċità ugwali tal-verżjonijiet lingwistiċi kollha jew il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni bejn il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni ma jfissirx li "il-lingwi uffiċjali kollha għandhom f'kull ċirkustanza jkunu ttrattati b'mod ugwali għall-finijiet kollha"[38]. Sistemi ddifferenzjati, fil-livell tal-Unjoni, huma għalhekk permissibbli, sakemm ikun hemm ġustifikazzjonijiet suffiċjenti għal dan l-iskop.

76. Barra minn hekk, meta l-qrati tal-Unjoni ntalbu jirrikonoxxu u jikkonfermaw drittijiet lingwistiċi mnisslin mid-dritt tal-Unjoni, huma dejjem stinkaw sabiex jiżguraw li l-individwi involuti jkunu protetti[39], filwaqt li ħallew lill-awtoritajiet (tal-Unjoni jew nazzjonali) kompetenti ċertu marġni ta' manuvrar.

77. Fis-sentenza Skoma-Lux, pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li regolament ta' (dik li kienet) il-Komunità Ewropea li ma kienx ġie ppubblikat fil-lingwa uffiċjali ta' Stat Membru ma setax jiġi infurzat kontra individwu li jgħix f'dak l-Istat[40]. Madankollu, minn dan in-nuqqas ta' pubblikazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ma ġibdet ebda konsegwenzi sinjifikattivi oħra b'rabta mal-validità jew mal-applikabbiltà tal-att. B'dan il-mod, liġi tal-Unjoni li ma ġietx ippubblikata fil-lingwa (waħda u unika) ta' Stat Membru baqgħet fil-fatt liġi valida f'dak l-Istat Membru. L-effett huwa biss li ma jkunu jistgħu jiġu imposti ebda obbligi fuq individwi abbażi ta' din il-liġi[41].

78. Din it-tendenza probabbilment tkun iktar evidenti meta l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha quddiemha miżuri nazzjonali li jkunu jirriflettu għażliet ta' politika nazzjonali. F'dan ir-rigward, wieħed ma jistax jinjora l-fatt li l-politika tal-lingwa fuq livell nazzjonali taqa' ġeneralment fi ħdan il-kompetenzi tal-Istati Membri. Ċertament, b'konformità mal-Artikolu 6 TUE, l-Unjoni għandha

[35] Ara l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005 tat-13 ta' Ġunju 2005 li jemenda r-Regolament Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Regolament Nru 1 tal- 15 ta' April 1958 li jistabbilixxi r-reġim lingwistiku tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u li jintroduċi miżuri derogatorji temporanji għal dawk ir-Regolamenti (ĠU 2006, L 164M, p. 184), iktar tard estiż bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1257/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jestendi l-miżuri derogatorji temporanji għar-Regolament Nru 1 tal- 15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Regolament Nru 1 tal- 15 ta' April 1958 li jistabbilixxi r-reġim lingwistiku tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika introdotti mir-Regolament (KE) Nru 920/2005 (ĠU 2010, L 343, p. 5). B'mod ġenerali, ara r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar il-progress tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni lejn l-implimentazzjoni tat-tnaqqis gradwali tad-deroga tal-lingwa Irlandiża (COM(2019) 318 final).

[36] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 930/2004 tal-1 ta' Mejju 2004 dwar miżuri temporanji ta' deroga dwar it-tfassil fil-lingwa Maltija ta' l-atti ta' l-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

[37] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Settembru 2003, Kik vs UASI (C-361/01 P, EU:C:2003:434), punti 82 sa 94); tat-12 ta' Mejju 2011, Polska Telefonia Cyfrowa (C-410/09, EU:C:2011:294, punt 38); u tas-26 ta' Marzu 2019, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-621/16 P, EU:C:2019:251, punti 89 sa 97). Ara wkoll, b'mod iktar ġenerali, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-621/16 P, EU:C:2018:611, punti 153 sa 179).

[38] Qiegħed nissellef din l-espressjoni mill-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-kawża Kik vs UASI (C-361/01 P, EU:C:2003:175, punt 50).

[39] Is-sentenzi tat-28 ta' Novembru 1989, Groener (C-379/87, EU:C:1989:599); tal-24 ta' Novembru 1998, Bickel u Franz (C-274/96, EU:C:1998:563); tas-6 ta' Ġunju 2000, Angonese (C-281/98, EU:C:2000:296); u tas-27 ta' Marzu 2014, Ruffer (C-322/13, EU:C:2014:189) huma eżempji tajba ta' dan.

[40] Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007 (C-161/06, EU:C:2007:773). Eżempju ieħor jinsab fis-sentenza tal-20 ta' Mejju 2003, Consorzio del Prosciutto di Parma u Salumificio S. Rita (C-108/01, EU:C:2003:296).

[41] Barra minn hekk, ara wkoll is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2009, Heinrich, (C-345/06, EU:C:2009:140). Madankollu, ara (mhux fil-kuntest ta' nuqqas *ratione temporis* li leġiżlazzjoni tiġi tradotta u ppubblikata wara t-tkabbir tal-Unjoni, iżda meta leġiżlazzjoni tinżamm sigrieta intenzjonalment u preżumibbilment għal dejjem, daqstant iktar konvinċenti) il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-kawża Heinrich (C-345/06, EU:C:2008:212).

biss il-kompetenza li twettaq azzjonijiet sabiex tappoġġja, tikkoordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri fl-oqsma tal-kultura u tal-edukazzjoni. Wara kollox, il-politika tal-lingwa ma tistax ma tirriflettix l-istorja, il-kultura, it-tradizzjonijiet u s-soċjetà ta' kull pajjiż.

79. Għalhekk, il-qrati tal-Unjoni dejjem żammew lura minn indħil eċċessiv f'għażliet nazzjonali u milli jimponu obbligi estensivi fuq l-Istati Membri. Fis-sentenza UTECA, pereżempju, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li leġiżlazzjoni nazzjonali li kienet obbligat lil xandara tat-televiżjoni li jallokaw proporzjon speċifiku tad-dħul tagħhom bħala fondi minn qabel għal films ċinematografiċi u films tat-TV Ewropej, li fihom il-lingwa oriġinali kienet waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat, kienet kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni[42]. Fis-sentenza Runevič-Vardyn, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni ma kienx jipprekludi lill-awtoritajiet nazzjonali milli jirrifjutaw li jemendaw l-ewwel ismijiet u l-kunjomijiet ta' partijiet interessati minn kif kienu ddaħħlu fir-reġistri tat-twelid u taż-żwieġ għar-raġuni li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet tistipula li l-ewwel ismijiet u l-kunjomijiet ta' persuni fiżiċi kellhom jiddaħħlu f'dawn id-dokumenti b'konformità mar-regoli tal-mod kif wieħed jispelli skont il-lingwa nazzjonali uffiċjali[43]. B'mod iktar ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat b'mod konsistenti li l-protezzjoni u l-promozzjoni ta' waħda jew iktar mil-lingwi uffiċjali ta' Stat Membru jistgħu jiġġustifikaw derogi mir-regoli dwar moviment liberu, u ddikjarat miżuri nazzjonali adottati għal dan l-iskop inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni biss meta nstabu li kienu sproporzjonati għal dan il-għan[44].

80. Mill-eżempji ta' ġurisprudenza miġjuba hawn fuq niġbed żewġ konklużjonijiet. L-ewwel, għalkemm ma hemm ebda dubju li d-drittijiet marbuta mal-lingwa għandhom importanza kbira ħafna fl-Unjoni, u li l-individwi huma ċertament intitolati għal ħarsien kontra kwalunkwe ksur ta' dawn id-drittijiet, ma hemm ebda konsegwenzi awtomatiċi li joriġinaw mill-ksur potenzjali tagħhom. F'dan ir-rigward, il-qrati tal-Unjoni ġeneralment ippreferew approċċ ibbilanċjat u mhux daqstant riġidu, li fih iċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ ittieħdu debitament inkunsiderazzjoni u tqabblu ma' xulxin, sabiex jintlaħaq riżultat li jkun ġust (u li ma joħloqx tfixkil).

81. It-tieni, dan l-approċċ kien ġie mħaddan mhux biss fir-rigward tal-użu ta' lingwi fir-rigward ta' regoli speċifiċi settorjali jew li japplikaw għal ċerti żoni (bħall-eżempji meħudin mill-ġurisprudenza dwar il-moviment liberu msemmija iktar 'il fuq), imma wkoll fir-rigward ta' għażliet kostituzzjonali. Għalhekk, fi kliem ieħor, anki jekk il-każijiet strutturali jew kostituzzjonali juru livell raġonevoli ta' flessibbiltà u assenza ta' kwalunkwe effett awtomatiku f'termini ta' riżultati, tkun pjuttost sorprendenti l-insistenza li sistema diskreta tad-dritt sekondarju f'qasam regolatorju speċifiku f'daqqa waħda tnissel dritt lingwistiku assolut.

82. F'dan l-isfond, ser ngħaddi issa għal varjanti oħra fl-ekwazzjoni quddiem il-qorti tar-rinviju. Metaforikament: jekk fuq naħa waħda tal-miżien hemm ksur potenzjali ta' dritt marbut mal-lingwa bħal dak li joriġina mid-dispożizzjonijiet tal-Unjoni inkwistjoni, x'tip ta' rimedji għandha l-qorti nazzjonali tqiegħed fuq in-naħa l-oħra tal-miżien sabiex tasal għal soluzzjoni bbilanċjata fil-kawża prinċipali?

42 Sentenza tal-5 ta' Marzu 2009 (C-222/07, EU:C:2009:124).

43 Sentenza tat-12 ta' Mejju 2011 (C-391/09, EU:C:2011:291).

44 Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-16 ta' April 2013, Las (C-202/11, EU:C:2013:239), u tal-21 ta' Ġunju 2016, New Valmar (C-15/15, EU:C:2016:464).

### *b) Liema forma ta' rimedju?*

83. Qabelxejn, għandi nagħmel enfasi li l-kawża ineżami ma tirrigwardax il-kundizzjonijiet li fihom id-dritt tal-Unjoni jirrikjedi li dritt nazzjonali joħloq rimedji ġodda sabiex jimla lakuna legali fil-protezzjoni ġudizzjarja[45], mhux bħal dak li ġie argumentat mill-Gvern Pollakk[46]. Il-kawża preżenti tikkonċerna biss il-mod li bih għandhom jiġu applikati r-rimedji eżistenti, li jkunu diġà disponibbli fis-sistema legali ta' Stat Membru, meta l-kawża quddiem il-qorti nazzjonali tkun tirrigwarda drittijiet ibbażati fuq id-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, ma hemmx bżonn li jkun diskuss jekk u, jekk ikun il-każ, meta, Stat Membru jista' jkun obbligat, bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, li jistabbilixxi rimedju ġudizzjarju li jagħti setgħa lil qrati nazzjonali li jieħdu deċiżjonijiet – bħal inġunzjoni jew ordni eżekuttiva immedjata – li jimponu fuq l-awtoritajiet (leġiżlattivi jew amministrattivi) kompetenti l-obbligu li jemendaw id-dritt nazzjonali b'mod dirett.

84. Il-kwistjoni mqajma mill-qorti tar-rinviju hija ta' natura differenti. Dik il-qorti ddikjarat li, skont id-dritt nazzjonali, hemm sett ta' regoli li jipprevedu rimedju fil-każ speċifiku. Madankollu, hija tiddubita jekk dan is-sett ta' regoli jistax jintuża u jiġi applikat preċiżament bl-istess mod kieku t-talbiet tar-rikorrent ma kinux ibbażati fuq id-dritt nazzjonali, iżda fuq id-dritt tal-Unjoni. Il-qorti tar-rinviju ma hijiex ċerta dwar jekk dan is-sett ta' regoli għandux jitwarrab "f'isem l-infurzar effettiv tad-dritt tal-Unjoni jew il-protezzjoni legali effettiva tal-individwi".

85. B'dan premess, bilkemm hemm għalfejn jingħad li, fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju ma tistax tiżgura li jiġu ssodisfatti b'mod sħiħ u immedjat id-drittijiet sostantivi tar-rikorrent bis-saħħa ta' proċess doppju billi minn naħa twarrab l-applikabbiltà tad-dritt nazzjonali u min-naħa l-oħra tapplika direttament id-dritt tal-Unjoni. Il-qorti tar-rinviju ma tistax tordna lill-kumpanniji farmaċewtiċi jkunu konformi mal-obbligu li joħroġ mill-Artikolu 58(4), l-Artikolu 59(3) u l-Artikolu 61(1) tad-Direttiva 2001/82. Dawn il-kumpanniji ma humiex konvenuti f'dawn il-proċeduri.

86. Barra minn dan, ftit li xejn ikun hemm probabbiltà li kwalunkwe azzjoni kontrihom tirnexxi, minħabba li l-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti eskludiet il-possibbiltà li direttivi li ma jkunux ġew trasposti jista' jkollhom effett dirett orizzontali u, għalhekk, ma jistgħux ikunu invokati kontra individwi[47]. Barra minn hekk, iktar reċenti, fis-sentenza Popławski, il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet li "anki jekk tkun ċara, preċiża u inkundizzjonata, dispożizzjoni ta' direttiva ma tippermettix lill-qorti nazzjonali teskludi dispożizzjoni tad-dritt intern tagħha li tmur kontra tali dispożizzjoni jekk, meta tagħmel hekk, jiġi impost obbligu supplimentari fuq individwu"[48].

87. Kwalunkwe forma ta' protezzjoni tad-dritt tar-rikorrent fil-kawża prinċipali hija għalhekk neċessarjament indiretta u ddifferita fiż-żmien. Ir-rikorrent qiegħed jitlob dikjarazzjoni li l-liġi nazzjonali inkwistjoni hija inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/82, u għaldaqstant għandha tkun emendata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Jiena tal-fehma li hekk biss, u bħala konsegwenza tal-bidla li tirriżulta fir-regoli nazzjonali, li l-kumpanniji farmaċewtiċi jistgħu jkunu possibbilment obbligati li fil-ġejjieni jikkonformaw ruħhom mar-regoli l-ġodda.

[45] Dwar dan il-punt, ara s-sentenzi tad-19 ta' Ġunju 1990, Factortame *et* (C-213/89, EU:C:1990:257); tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet, (C-432/05, EU:C:2007:163); u tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami (C-583/11P, punti 103 sa 104).

[46] Ara, iktar 'il fuq, il-punt 24 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[47] Ara, *inter alia*, is-sentenzi tat-2 ta' Frar 1986, Marshall (152/84, EU:C:1986:84, punt 48); tal-14 ta' Lulju 1994, Faccini Dori (C-91/92, EU:C:1994:292); u tat-22 ta' Jannar 2019, Cresco Investigation (C-193/17, EU:C:2019:43, punt 72).

[48] Sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019 (C-573/17, EU:C:2019:530, punt 67).

88. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, liema rimedji, u b'mod iktar speċifiku, liema forma ta' rimedju għandha tipprovdi l-qorti nazzjonali?

89. Minn naħa waħda, għar-raġunijiet imfissra fil-punti 71 sa 82 ta' dawn il-konklużjonijiet, it-tip u l-gravità tal-allegat ksur u tal-konsegwenzi ta' dan il-ksur ma humiex, probabbilment, tali li jeżiġu xi forma drakonjana ta' rimedju. Għal din ir-raġuni, il-qorti tar-rinviju taf faċilment tasal għall-konklużjoni li tkun ħaġa sproporzjonata li tikkonċedi t-tliet forom kollha ta' rimedju mfittxija mir-rikorrent fl-istess ħin. B'mod partikolari, it-talba tar-rikorrent sabiex il-qorti tar-rinviju tiddikjara li l-awtoritajiet Irlandiżi *għandhom* jemendaw id-dritt nazzjonali sabiex jiżguraw traspożizzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu V tad-Direttiva 2001/82 tista', anki fid-dawl tal-prinċipju ta' separazzjoni tal-poteri[49], tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex ikun żgurat il-ħarsien tad-dritt tar-rikorrent.

90. Min-naħa l-oħra, madankollu, jekk it-talbiet tar-rikorrent jirriżultaw li huma fondati, punt li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina, jiena ma nistax nara kif l-eżitu ta' dawn il-proċeduri jkun jista' jitqies ġust u proporzjonat jekk ir-rikorrent kellu joħroġ mill-awla tal-qorti kompletament idu f'idu.

91. Id-dritt għal rimedju effettiv jimplika neċessarjament li l-qorti kompetenti, bħala prinċipju, għandha tittratta l-mertu tal-ilment rilevanti u tagħti rimedju xieraq[50], u li dak ir-rimedju jiġi debitament eżegwit[51]. Id-dritt għal qorti jisfa bla sinjifikat jekk il-parti li tirbaħ tiġi mċaħħda minn kwalunkwe forma ta' kumpens għall-ksur tad-drittijiet tagħha, fl-assenza, naturalment, ta' kwalunkwe ċirkustanza eċċezzjonali li tiġġustifika dan.

92. Fil-kawża ineżami, hemm xi ċirkustanzi eċċezzjonali bħal dawn?

93. Fil-kawża li għandna quddiemna, l-awtoritajiet Irlandiżi jinvokaw żewġ raġunijiet prinċipali li minħabba fihom qegħdin jopponu l-għoti ta' kwalunkwe rimedju. L-ewwel raġuni tirreferi għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u għall-ekonomija ġudizzjarja: l-għoti ta' rimedju ma jservi ebda skop utli minħabba li r-rikorrent kapaċi jifhem l-informazzjoni bl-Ingliż. Barra minn dan, dalwaqt tidħol fis-seħħ regola ġdida tal-Unjoni kompatibbli mad-dispożizzjonijiet kurrenti tad-dritt nazzjonali. It-tieni tirrigwarda dannu possibbli għal terzi: ir-riskju li l-produtturi u d-distributuri ta' prodotti mediċinali veterinarji jistgħu joħorġu temporanjament mis-suq Irlandiż sabiex jevitaw spejjeż addizzjonali, u b'hekk jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-annimali.

94. Bħala prinċipju, jiena naqbel mal-Irlanda li l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u l-ekonomija ġudizzjarja[52], u/jew il-ħtieġa li jkun evitat ir-riskju ta' skarsezza ta' prodotti mediċinali veterinarji[53], huma fihom innifishom, b'mod ġenerali, interessi li jixirqilhom li jkunu protetti. Bħala tali, qorti nazzjonali tista' teħodhom inkunsiderazzjoni fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha. Madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk, *fiċ-ċirkustanzi preżenti*, l-użu effettiv tad-diskrezzjoni tal-qorti tar-rinviju sabiex tirrifjuta kwalunkwe tip ta' rimedju jipprovdix kontribuzzjoni sinjifikattiva għall-protezzjoni ta' dawn l-interessi u, fi kwalunkwe każ, imurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dan il-għan.

49 Prinċipju li l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li joħroġ mill-prinċipju ta' Stat tad-dritt: ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Novembru 2016, Poltorak (C-452/16 PPU, EU:C:2016:858, punt 35), u tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 124).

50 Ara, f'dan is-sens, il-Qorti EDB, 30 ta' Ottubru 1991, Vilvarajah *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1991:1030JUD001316387, punt 122).

51 Għal ħarsa lejn il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti EDB, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Torubarov (C-556/17, EU:C:2019:339, punti 60 sa 62).

52 F'dan is-sens, ara, *inter alia*, is-sentenza tat-12 ta' Frar 2015, Baczó u Vizsnyiczai (C-567/13, EU:C:2015:88, punt 51).

53 F'dan is-sens, ara, *inter alia*, is-sentenza tas-16 ta' Settembru 2008, Sot. Lélos kai Sia *et* (C-468/06 sa C-478/06, EU:C:2008:504, punt 75).

95. Billi, sal-lum, għad fadal iżjed minn sena qabel ma r-regolament il-ġdid tal-Unjoni jidħol fis-seħħ, huwa diffiċli li wieħed iqis dan il-perijodu ta' żmien bħala wieħed għalkollox negliġibbli. Ta' min jiftakar mill-ġdid li d-dispożizzjonijiet tal-Unjoni għandu jkollhom l-effetti kollha tagħhom "minn meta jidħlu fis-seħħ u sakemm iddum il-validità tagħhom"[54]. Jista' jkun minnu li r-rikorrent jifhem l-informazzjoni bl-Ingliż. Madankollu, dan jista' forsi jitqies bħala element li jagħtik x'tifhem li l-ksur huwa ta' natura inqas gravi u li hemm inqas urġenza biex ikun stabbilit xi tip ta' kumpens. B'kuntrast, jiena għandi dubji iktar serji li dan l-element jista' jitqies bħala l-bażi (unika) li tiġġustifika rifjut li l-applikant jingħata xi forma ta' protezzjoni tad-drittijiet tiegħu, ladarba dan l-element ma qajjem ebda kwistjoni fir-rigward tal-*locus standi* tar-rikorrent u din il-kawża qiegħda issa tiġi evalwata fil-mertu.

96. Barra minn dan, l-allegati konsegwenzi negattivi għal partijiet terzi u għall-Istat la huma immedjati u lanqas joħorġu awtomatikament minn xi deċiżjoni meħuda mill-qorti tar-rinviju fil-kuntest tal-kawża preżenti. B'konformità mal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, is-soluzzjoni għal kunflitt bejn dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali u dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni direttament applikabbli għandha tinstab minn qorti nazzjonali li tapplika din tal-aħħar, jekk ikun meħtieġ billi tirrifjuta li tapplika d-dispożizzjoni nazzjonali kunfliġġenti. Iżda din il-pożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ttieħdet u ġiet imtennija[55] fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji, li huma proċeduri *inter pares*, li l-eżitu tagħhom normalment jorbot lill-partijiet fil-kawża. Ma ntqalx, madankollu, li s-soluzzjoni għal kunflitt ġudizzjarju għandha tingħata, bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, permezz ta' dikjarazzjoni li din id-dispożizzjoni nazzjonali hija nulla, invalida jew ineżistenti[56]. Ċertament, is-setgħat tal-qrati u t-tribunali nazzjonali huma kwistjoni li għandha tiġi ddeterminata minn kull Stat Membru. L-effett dirett u s-supremazija ma jirrikjedux li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji inkwistjoni jkunu mogħnija b'xi forma ta' effett *erga omnes* [57].

97. Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, jiena niddubita jekk – meta nassumu li l-evalwazzjoni li l-qorti tar-rinviju għamlet rigward l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni inkwistjoni hija korretta – l-għoti ta' rimedju permezz ta' sempliċi dikjarazzjoni li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni ma jittrasponux id-Direttiva 2001/82 b'mod korrett jista' ma jkunx l-iktar forma xierqa ta' rimedju. Minn naħa, tali dikjarazzjoni tikkonstata l-ksur possibbli invokat u tagħti lir-rikorrent xi forma ta' sodisfazzjon morali[58], filwaqt li possibbilment tagħtih il-possibbiltà li jitlob kumpens għad-danni mġarrba fil-każ li jkunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet għar-responsabbiltà tal-Istat[59]. Min-naħa l-oħra, il-portata u l-effetti ta' din il-forma ta' rimedju huma pjuttost limitati, b'mod partikolari fir-rigward ta' partijiet terzi, u huma inqas intrużivi fir-rigward tal-awtoritajiet leġiżlattivi u amministrattivi Irlandiżi.

[54] Ara, iktar 'il fuq, il-punt 34 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[55] Ara, iktar 'il fuq, il-punti 34 sa 36 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[56] Ara s-sentenza tad-19 ta' Novembru 2009, Filipiak (C-314/08, EU:C:2009:719, punti 82 sa 83).

[57] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2018, The Minister for Justice and Equality and Commissioner of the Garda Síochána (C-378/17, EU:C:2018:979, punti 33 sa 34).

[58] F'dan ir-rigward, nixtieq ngħid li, fil-kuntest ta' kawżi għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea, forom simboliċi ta' kumpens jew is-sempliċi konstatazzjoni tal-fatt illegali fis-sentenza jistgħu jikkostitwixxu kumpens sodisfaċenti għall-finijiet tal-Artikolu 340 TFUE: ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-14 ta' Ġunju 1979, V. vs Il-Kummissjoni (18/78, EU:C:1979:154, punt 19); tad-9 ta' Lulju 1981, Krecké vs Il-Kummissjoni (59/80 u 129/80, EU:C:1981:170, punt 74); u tad-9 ta' Lulju 1987, Hochbaum u Rawes vs Il-Kummissjoni (44/85, 77/85, 294/85 u 295/85, EU:C:1987:348, punt 22). Din il-prassi tidher li hija konsistenti ma' dik tal-Qorti EDB: ara, fost oħrajn, is-sentenzi tat-23 ta' Novembru 1976, Engel *et* vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (CE:ECHR:1976:1123JUD000510071, punti 10 sa 11); tas-17 ta' Ottubru 2002, Agga vs Il-Greċja (CE:ECHR:2002:1017JUD005077699, punti 65 u 66); u tat-30 ta' Novembru 2004, Vaney vs Franza (CE:ECHR:2004:1130JUD005394600, punti 55 sa 57).

[59] Ara s-sentenzi tad-19 ta' Novembru 1991, Francovich *et* (C-6/90 u C-9/90, EU:C:1991:428), u tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur u Factortame (C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79).

98. Madankollu, bħalma għidt repetutament f'dawn il-konklużjonijiet, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa u tibbilanċja dawn il-kwistjonijiet kollha. Il-punti kollha diskussi f'din it-taqsima kienu intenzjonati sempliċement sabiex jikkonfermaw li hemm sensiela ta' soluzzjonijiet immaġinabbli. Il-konklużjoni finali ta' dawn il-konklużjonijiet hija sempliċement, fil-fehma tiegħi, li d-dritt tal-Unjoni ma jċaħħadx, anki jekk hija kwistjoni ta' drittijiet ibbażati fuq id-dritt tal-Unjoni, lil qorti nazzjonali mid-diskrezzjoni li normalment hija mogħnija biha sabiex issib eżitu adegwat u proporzjonat għal każ individwali, inkluża l-għażla ta' rimedju li għandu jingħata lir-rikorrent, sakemm, naturalment, ir-rikors tiegħu huwa fondat fil-mertu.

## V. Konklużjoni

99. Nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti r-risposta li ġejja għad-domanda preliminari magħmula mill-Ard-Chúirt (il-Qorti Għolja, l-Irlanda):

– Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-prinċipji ta' awtonomija proċedurali u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, ma jipprekludix leġiżlazzjoni jew prassi nazzjonali li bis-saħħa tagħhom il-qrati nazzjonali jgawdu minn setgħa diskrezzjonali sabiex jiddeċiedu jekk jagħtux rimedju u, jekk dan ikun il-każ, il-forma ta' dan ir-rimedju, fir-rigward ta' rikorrent li jsostni li l-awtoritajiet ma ttrasponewx direttiva b'mod korrett, f'sitwazzjoni fejn ir-rikors ikun fondat.

– Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiżgura li, fuq il-bażi tal-fatti u tal-kuntest ta' kull kawża individwali quddiemha, hemm relazzjoni raġonevoli bejn in-natura tad-drittijiet invokati, il-gravità tal-ksur tagħhom jew tad-dannu mġarrab, u t-tip ta' rimedju mitlub, u konsegwentement, ir-rimedju li hija tiddeċiedi li tagħti (jew, skont il-każ, li ma tagħtix) lir-rikorrent.